DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1143

tat-12 ta' Lulju 2021

dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mozambique (EUTM Mozambique)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' April 2020, il-Kunsill ipprovda qafas komprensiv għall-involviment tal-Unjoni u tal-Istati Membri mal-Mozambique u l-koordinazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra. B'mod partikolari, il-Kunsill enfasizza li s-sitwazzjoni umanitarja u ta' sigurtà f'Cabo Delgado teħtieġ attenzjoni urġenti, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem.

(2) Fit-30 ta' Marzu 2021, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) approva Qafas Politiku għal Approċċ għal Kriżijiet f'Cabo Delgado u qies li tkun xierqa azzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), iffukata fuq it-taħriġ u l-assistenza lill-forzi armati tal-Mozambique, fil-kuntest tal-Approċċ Integrat tal-Unjoni għall-kriżi f'Cabo Delgado.

(3) Permezz ta' ittra bid-data tat-3 ta' Ġunju 2021, il-President tal-Mozambique laqa' l-iskjerament ta' missjoni mhux eżekuttiva tal-PSDK tal-Unjoni fil-Mozambique, sabiex tgħin fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tad-difiża u tas-sigurtà tal-Możambique biex dawn jirreaġixxu b'mod aktar effiċjenti għar-riskji umanitarji u ta' sigurtà f'Cabo Delgado.

(4) Fit-28 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill approva Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi għal missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK possibbli fil-Mozambique, flimkien ma' miżura ta' assistenza possibbli biex jiġi pprovdut tagħmir li ma jkunx tagħmir, jew pjattaformi militari, mfassla biex iwettqu forza letali, sabiex jiġu appoġġati l-forzi armati tal-Mozambique bil-ħsieb tal-iskjerament tagħhom f'Cabo Delgado. Dak il-Kunċett enfasizza li jenħtieġ li l-missjoni tal-PSDK prevista tkun waħda mill-għodod fl-Approċċ Integrat tal-Unjoni għall-kriżi f'Cabo Delgado flimkien ma' appoġġ għat-tiswir tal-paċi, il-prevenzjoni ta' konflitti u l-appoġġ għad-djalogu, l-assistenza umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll il-promozzjoni tal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Dak il-Kunċett enfasizza ulterjorment l-objettiv politiku-strateġiku tal-Unjoni li tappoġġa l-iskjerament ta' forzi ta' difiża u sigurtà professjonali tal-Mozambique, li jippermetti l-preżenza ta' aġenziji tal-infurzar tal-liġi responsabbli sabiex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili, u sabiex strutturi tal-Istati responsabbli jitħallew imorru lura għas-servizzi tagħhom u jipprovduhom ma' Cabo Delgado kollu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jieħu nota tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli (RGħ) dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneri (GAP) III.

(5) Jenħtieġ li l-KPS jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, kontroll politiku fuq il-missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK fil-Mozambique (EUTM Mozambique), jagħtiha direzzjoni strateġika u jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(6) Huwa neċessarju li jiġu negozjati u konklużi ftehimiet internazzjonali rigward l-istatus ta' unitajiet u persunal immexxija mill-Unjoni u l-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'EUTM Mozambique.

(7) Skont l-Artikolu 41(2) TUE u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([1]) li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, in-nefqa operattiva li tirriżulta minn din id-Deċiżjoni li għandha implikazzjonijiet militari jew ta' difiża trid titħallas mill-Istati Membri.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

(8) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u lanqas ma hi marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha, u ma tieħux sehem fil-finanzjament ta' din l-operazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Missjoni

1. L-Unjoni għandha twettaq missjoni ta' taħriġ militari fil-Mozambique (EUTM Mozambique) sabiex tappoġġa rispons aktar effiċjenti u effettiv mill-forzi armati tal-Mozambique għall-kriżi f'Cabo Delgado f'konformità mad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

2. L-objettiv strateġiku ta' EUTM Mozambique għandu jkun li tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-unitajiet tal-forzi armati tal-Mozambique magħżula biex jiffurmaw Forza ta' Reazzjoni Rapida (QRF) futura, sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet neċessarji u sostenibbli biex jiġu restawrati s-sikurezza u s-sigurtà f'Cabo Delgado.

3. Għal dak il-għan, EUTM Mozambique għandha:

(a) tipprovdi lill-unitajiet magħżula tal-forzi armati tal-Mozambique u lit-tmexxija tagħhom b'taħriġ militari inkluż tħejjija operazzjonali, taħriġ speċjalizzat inkluż dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u taħriġ u edukazzjoni dwar il-konformità mad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, u dwar ir-rispett tal-istat tad-dritt;

(b) tappoġġa l-iżvilupp ta' strutturi u mekkaniżmi ta' kmand u kontroll tal-QRF, bħal pereżempju ċiklu operazzjonali sostenibbli, u tħarreġ lit-tmexxija tal-QRF biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-objettiv operazzjonali tagħhom;

(c) bħala parti mill-kurrikulu tat-taħriġ, fejn tagħmir, li għandu jkun tagħmir li ma jkunx tagħmir, jew pjattaformi militari, imfassla biex iwettqu forza letali, ikun pprovdut permezz ta' miżura ta' assistenza tal-Unjoni, tħarreġ lill-unitajiet magħżula biex jużaw dan it-tagħmir u jieħdu ħsiebu kif suppost;

(d) tistabbilixxi, f'koordinazzjoni u konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Mozambique, ċiklu ta' ġestjoni tal-għarfien biex tiġi segwita l-imġiba tal-unitajiet imħarrġa ladarba jiġu skjerati f'Cabo Delgado u tiġi vvalutata l-konformità tagħhom mad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

4. EUTM Mozambique għandha tikkontribwixxi għall-għarfien tas-sitwazzjoni tal-Unjoni dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Mozambique, b'mod partikolari f'Cabo Delgado. Din għandha tipprovdi għarfien espert u pariri lid-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Maputo dwar kwistjonijiet militari.

5. EUTM Mozambique għandha tikkoordina mad-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Maputo, man-Nazzjonijiet Uniti (NU) u mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi preżenti fil-Mozambique, b'mod partikolari sabiex timplimenta politika dwar il-ġeneru u dwar id-drittijiet tal-bniedem b'appoġġ għall-missjoni u biex tiżgura l-koerenza mal-appoġġ tal-Unjoni f'oqsma rilevanti oħra.

Artikolu 2

Ħatra tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE u tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE

1. Id-Direttur tal-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) għandu jkun il-kmandant tal-missjoni ta' EUTM Mozambique.

2. Il-Brigadier-Ġeneral Nuno LEMOS-PIRES huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE ta' EUTM Mozambique.

Artikolu 3

Għażla tal-Kwartieri Ġenerali tal-Missjoni

1. L-MPCC għandha tkun l-istruttura statika ta' kmand u kontroll fil-livell strateġiku militari barra miż-żona tal-operazzjonijiet, li tkun responsabbli għall-ippjanar u t-tmexxija operazzjonali ta' EUTM Mozambique.

2. Il-Kwartieri Ġenerali tal-Forza tal-Missjoni ta' EUTM Mozambique għandhom ikunu fil-Mozambique u għandhom joperaw taħt il-kmand tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

3. Fl-MPCC għandha tiġi inkluża ċellola ta' appoġġ tal-Kwartieri Ġenerali tal-Forza tal-Missjoni, li tkun tinsab fi Brussell, sakemm l-MPCC tilħaq kapaċità operazzjonali sħiħa.

Artikolu 4

Ippjanar u tnedija ta' EUTM Mozambique

Deċiżjoni dwar it-tnedija tal-EUTM Mozambique għandha tiġi adottata mill-Kunsill wara l-approvazzjoni tal-Pjan tal-Missjoni u tar-Regoli ta' Parteċipazzjoni ta' EUTM Mozambique.

Artikolu 5

Kontroll politiku u direzzjoni strateġika

1. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u tar-RGħ, il-KPS għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika ta' EUTM Mozambique. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 TUE. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat li jemenda d-dokumenti tal-ippjanar, inkluż il-Pjan tal-Missjoni, u l-linja ta' kmand. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi wkoll is-setgħat li jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward tal-objettivi, tal-ambitu u tat-terminazzjoni ta' EUTM Mozambique, kif ukoll tal-kondizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill.

2. Il-KPS għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-KPS għandu, f'intervalli regolari, jirċievi rapporti mill-president tal-Kumitat Militari tal-UE (EUMC) dwar kif tkun sejra l-EUTM Mozambique. Il-KPS jista' jistieden lill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE u l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal-laqgħat tiegħu, kif xieraq.

Artikolu 6

Direzzjoni militari

1. L-EUMC għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni korretta ta' EUTM Mozambique mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE.

2. L-EUMC għandu, f'intervalli regolari, jirċievi rapporti mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE. Huwa jista' jistieden lill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE u lill-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal-laqgħat tiegħu, kif xieraq.

3. Il-president tal-EUMC għandu jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt primarju mal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE.

Artikolu 7

Konsistenza tar-rispons u l-koordinament tal-Unjoni

1. Ir-RGħ għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u tal-konsistenza tagħha mal-azzjoni esterna tal-Unjoni inġenerali, inkluż il-programmi għall-iżvilupp tal-Unjoni u l-assistenza umanitarja tagħha.

2. Mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand, il-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għandu jirċievi gwida politika lokali mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Mozambique.

3. EUTM Mozambique għandha tikkoordina l-attivitajiet tagħha mal-attivitajiet bilaterali tal-Istati Membri fil-Mozambique, kif ukoll ma' atturi internazzjonali oħra fir-reġjun, b'mod partikolari n-(NU, l-Unjoni Afrikana (UA) u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC), ma' atturi bilaterali li jinkludu lill-Istati Uniti u l-Kanada u ma' atturi reġjonali ewlenin.

Artikolu 8

Parteċipazzjoni ta' Stati terzi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali uniku tagħha, u f'konformità mal-linji gwida rilevanti tal-Kunsill Ewropew, Stati terzi jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem f'EUTM Mozambique.

2. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jistieden lil Stati terzi joffru kontributi u biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE f'konsultazzjoni mal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE, u l-EUMC.

3. L-arranġamenti dettaljati fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 TFUE. Fejn l-Unjoni u Stat terz ikunu kkonkludew ftehim li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni ta' dan tal-aħħar f'missjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' EUTM Mozambique.

4. Stati terzi li jagħtu kontributi militari sinifikanti għal EUTM Mozambique għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi fir-rigward tal-ġestjoni ta' kuljum ta' EUTM Mozambique bħall-Istati Membri li jkunu qed jieħdu sehem f'EUTM Mozambique.

5. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri fil-każ li xi Stati terzi jagħtu kontributi militari sinifikanti.

Artikolu 9

Status tal-persunal immexxi mill-UE

L-istatus tal-unitajiet u l-persunal immexxija mill-UE, inkluż il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji ulterjuri meħtieġa għat-twettiq u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni tagħhom, għandu jkun is-suġġett ta' ftehim konklużi skont l-Artikolu 37 TUE u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 TFUE.

Artikolu 10

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ispejjeż komuni ta' EUTM Mozambique għandhom jiġu amministrati f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

2. L-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni ta' EUTM Mozambique għandu jkun ta' EUR 15 160 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 30 % għall-impenji u 15 % għall-ħlasijiet.

Artikolu 11

Ċellula ta' proġetti

1. EUTM Mozambique jista' jkollha ċellula ta' proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti mhux eżekuttivi. L-EUTM Mozambique għandha, kif xieraq, tikkoordina, tiffaċilita u tipprovdi pariri dwar il-proġetti implimentati mill-Istati Membri u minn Stati terzi, taħt ir-responsabbiltà tagħhom, f'oqsma relatati mal-mandat tal-Missjoni u b'appoġġ għall-objettivi tagħha.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għandu jkun awtorizzat li jirrikorri għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew minn Stati terzi sabiex jiġu implimentati proġetti mhux eżekuttivi identifikati bħala li jissupplimentaw b'mod konsistenti azzjonijiet oħra ta' EUTM Mozambique. F'dan il-każ, l-amministratur għall-operazzjonijiet tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi għandu jikkonkludi, ladarba jiġi approvat mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, arranġament ma' dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi biex jiġi indirizzat kwalunkwe lment minn partijiet terzi dwar dannu kkawżat bħala riżultat ta' atti jew ommissjonijiet mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE fl-użu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Taħt l-ebda ċirkostanza ma għandhom l-Unjoni jew ir-RGħ jinżammu responsabbli mill-Istati kontribwenti b'riżultat ta' atti jew ommissjonijiet mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE fl-użu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti minn dawk l-Istati.

4. Il-KPS għandu jaqbel dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja minn Stati terzi għaċ-ċellula ta' proġetti.

Artikolu 12

Rilaxx ta' informazzjoni

1. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat li jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni, kif xieraq u f'konformità mal-ħtiġijiet ta' EUTM Mozambique, informazzjoni klassifikata tal-UE ġġenerata għall-finijiet ta' EUTM Mozambique, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([2]):

(a) sal-livell previst mill-ftehimiet applikabbli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni konklużi bejn l-Unjoni u l-Istat terz ikkonċernat; jew

(b) sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" f'każijiet oħra.

2. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat ukoll li jirrilaxxa lin-NU, lill-UA, lis-SADC u lill-Istati Uniti, f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali ta' EUTM Mozambique, informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" iġġenerata għall-finijiet ta' EUTM Mozambique, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. L-arranġamenti neċessarji għal dak il-għan għandhom jiġu mfassla bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tan-NU, tal-UA, tas-SADC u tal-Istati Uniti.

3. Fil-każ ta' bżonn operazzjonali speċifiku u immedjata, ir-RGħ għandu jkun awtorizzat ukoll jirrilaxxa lill-Istat ospitanti kwalunkwe informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell "RESTREINT UE/EU RESTRICTED" iġġenerata għall-finijiet ta' EUTM Mozambique, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE. Għandhom jitfasslu arranġamenti għal dak il-għan bejn ir-RGħ u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti.

4. Ir-RGħ għandu jkun awtorizzat li jirrilaxxa lill-Istati terzi assoċjati ma' din id-Deċiżjoni kwalunkwe dokument mhux klassifikat tal-UE marbut mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill relatati ma' EUTM Mozambique u li jkun kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([3]).

5. Ir-RGħ jista' jiddelega s-setgħat imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4, kif ukoll il-kapaċità li jiġu konklużi l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 lill-persunal tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE jew lill-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u terminazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. EUTM Mozambique għandha tintemm sentejn wara li tkun laħqet il-Kapaċità Operazzjonali Sħiħa.

([2]) Id- Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 235, 11.12.2009, p. 35).

3. Din id-Deċiżjoni għandha titħassar mid-data tal-għeluq tal-Kwartieri Ġenerali tal-Missjoni tal-EUTM Mozambique f'konformità mal-pjanijiet approvati għat-terminazzjoni ta' EUTM Mozambique, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri dwar l-awditjar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' EUTM Mozambique kif stabbiliti fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES